

52002XC0219(02)

C 45/3

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

19.2.2002

**Avviż tal-kummissjoni dwar l-immunità minn multi u tnaqqis f'multi f'każijiet ta' kartell**

(2002/C 45/03)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

**INTRODUZZJONI**

1. Dan l-avviż jikkonċerna kartelli sigrieti bejn żewġ kompetituri jew iktar bil-għan li jiġu ffissati l-prezzijiet, il-produzzjoni, jew il-kwoti ta' bejgħ, it-tqassim tas-swieq, inklużi l-manipulazzjoni ta' offerti u r-restrizzjoni ta' importazzjonijiet jew esportazzjonijiet. Dawn il-prattiċi huma fost l-aktar restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni serji li magħhom iltaqgħet il-Kummissjoni u fl-aħħar jirriżultaw fi prezzijiet miżjuda u fl-għażla għall-konsumatur imnaqqsa. Huma jikkawgħaw ħsara anke lill-industrija Komunitarja.
2. Meta jillimitaw b'mod artifiċjali l-kompetizzjoni li normalment teżisti bejniethom, l-impriżi jevitaw eżattament dawk il-prezzjonijiet li jwassluhom biex jinnovaw, kemm fis-sens ta' żvilupp tal-prodott u kif ukoll fl-introduzzjoni ta' metodi ta' produzzjoni iktar effiċjenti. Dawn il-prattiċi iwasslu anki għal materji primi u komponenti iktar għaljin għall-kumpaniji Komunitarji li jixtru mingħand dawn il-produtturi. Fil-futur imbiegħed, dawn iwasslu għal telf ta' kompettività u opportunitajiet ta' impieg imnaqqsa.
3. Il-Kummissjoni hija konxja li ċerti impriżi involuti f'dan it-tip ta' ftehim illegali huma lesti li jtemmu l-partiċipazzjoni tagħhom u jinformawha bl-eżistenza ta' ftehim bħal dan, imma huma ddiswaduti milli jagħmlu dan mill-multi għoljin li huma potenzjalment esposti għalihom. Biex tikkjarifika l-pożizzjoni tagħha fuq din it-tip ta' sitwazzjoni, il-Kummissjoni adottat avviż dwar in-non-imposizzjoni jew it-tnaqqis f'multi f'każijiet ta' kartell <sup>(1)</sup>, min hawn 'il quddiem "l-avviż ta' l-1996".
4. Il-Kummissjoni kkunsidrat li huwa fl-interess Komunitarju li jingħata trattament favorevoli lil impriżi li jikkooperaw magħha. L-interessi tal-konsumatur u ċ-ċittadini biex jiġi żgurat li kartelli sigrieti jiġu mikxfu u kkastrigati huma akbar mill-interess li jiġu mmultati dawk l-impriżi li jippermettu lill-Kummissjoni biex tiskopri u tipprojbixxi dawn il-prattiċi.
5. Fl-avviż ta' 1996, il-Kummissjoni annunzjat li ser teżamina jekk huwiex neċessarju li l-avviż jiġi mmodifikat la darba tkun akkwistat biżżejjed esperjenza biex tapplikah. Wara ħames snin ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għanda l-esperjenza neċessarja biex timmodifika l-politika tagħha fuq din il-materja. Waqt li l-validità tal-prinċipji li jirregolaw l-avviż ġew ikkonfermati, l-esperjenza wriet li l-effikaċja tiegħu tista' titjieb b'żieda fit-trasparenza u fiċ-ċertezza tal-kondizzjonijiet li fuqhom jingħata kull tnaqqis f'multi. Allinjament eqreb bejn il-livell ta' tnaqqis ta' multi u l-valur tal-kontribuzzjoni ta' kumpanija biex ikun stabbilit il-ksur tal-liġi jista' wkoll iżid din l-effikaċja. Dan l-avviż jindirizza dawn il-kwistjonijiet.
6. Il-Kummissjoni tikkonsidra li l-kollaborazzjoni ta' impriża fl-iskoperta ta' l-eżistenza ta' kartell għandha valur intrinsiku. Kontribuzzjoni deċiżiva għall-ftuħ ta' investigazzjoni jew għat-tisjib ta' xi ksur tal-liġi tista' tiġġustifika l-għoti ta' immunità minn kull multa lill-impriża msemmija, bil-kondizzjoni li jiġu aderiti ċerti kondizzjonijiet addizzjonali.
7. Barraminhekk, kooperazzjoni bejn impriża waħda jew iktar tista' tiġġustifika tnaqqis f'multa mill-Kummissjoni. Kull tnaqqis f'multa għandu jirrifletti l-kontribuzzjoni effettiva ta' l-impriża, fis-sens ta' kwalità u ta' żmien, għad-determinazzjoni tal-ksur tal-liġi mill-Kummissjoni. It-tnaqqis għandu jkun limitat għal dawk l-impriżi li jipprovdu il-Kummissjoni bi provi li jżidu valur sinifikattiv lil dawk li diġa' qegħdin fil-pussess tal-Kummissjoni.

**A. IMMUNITÀ MINN MULTI**

8. Il-Kummissjoni ser tagħti lil impriża immunità minn kull multa li kieku kienet tkun imposta jekk:
  - (a) l-impriża hija l-ewwel waħda li tressaq provi li fl-opinjoni tal-Kummissjoni jistgħu jippermettuha tiegħu deċiżjoni biex twettaq investigazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 17 <sup>(2)</sup> b'konnessjoni ma' kartell allegat li qiegħed jaffetwa 'l-Komunità; jew
  - (b) l-impriża hija l-ewwel waħda li tressaq provi li fl-opinjoni tal-Kummissjoni jistgħu jippermettuha ssib ksur ta' l-Artikolu 81 KE <sup>(3)</sup> b'konnessjoni ma' kartell allegat li jaffetwa il-Komunità.
9. Immunità skond il-punt 8(a) tingħata biss bil-kondizzjoni li l-Kummissjoni ma kellhiex, fiż-żmien tas-sottomissjoni, biżżejjed provi biex tadotta deċiżjoni biex twettaq investigazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 17 b'konnessjoni ma' l-allegat kartell.
10. Immunità skond il-punt 8(b) tingħata biss bil-kondizzjonijiet kumulattivi li l-Kummissjoni ma kellhiex, fiż-żmien tas-sottomissjoni, biżżejjed provi biex issib ksur ta' l-Artikolu 81 KE b'konnessjoni ma' l-allegat kartell u li ebda impriża ma nġhatat immunità kondizzjonali minn multi taħt il-punt 8(a) b'konnessjoni ma' l-allegat kartell.

<sup>(2)</sup> ĠU C 13, tal-21.2.1962, p. 204/62. (Jew ir-regolamenti proċedurali ekwivalenti: L-Artikolu 21(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68 tal-Kunsill; l-Artikolu 18(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4056/86 u l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3975/87).

<sup>(3)</sup> Referenza f'dan it-test għall-Artikolu 81 KE tkopri wkoll l-Artikolu 53 ŻEE fejn applikat mill-Kummissjoni skond ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 56 tal-Ftehim ŻEE.

<sup>(1)</sup> ĠU 207, tat-18.7.1996, p. 4.

11. B'żieda mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti 8(a) u 9 jew fil-punti 8(b) u 10, kif xieraq, il-kondizzjonijiet kumulattivi li ġejjin għandhom jkunu milħuqa f'kull każ biex jikkwalifikaw għal xi immunità minn multa:

- (a) l-impriża tikkoopera bis-sħiħ, fuq bażi kontinwa u bi prontezza matul il-proċedura amministrattiva tal-Kummissjoni u tipprovdi lill-Kummissjoni kull prova li taqa' fil-pussess tagħha jew hija disponibbli għaliha li tirrelata mal-ksur issuspettat. B'mod partikolari, din tibqa' fid-dispożizzjoni tal-Kummissjoni biex twieġeb malajr għal kull talba li tista' tikkontribwixxi għad-determinazzjoni tal-fatti kkonċernati;
- (b) l-impriża ttejjm l-involviment tagħha fil-ksur tal-liġi ssuspettat mhux aktar tard miż-żmien li fih tressaq il-provi taħt il-punt 8(a) jew 8(b), kif xieraq;
- (ċ) l-impriża ma ħadietx passi biex iġġiegħel impriżi oħra biex jipparteċipaw fil-ksur tal-liġi.

#### PROĊEDURA

12. Impriża li tkun tixtieq tapplika għall-immunità minn multi għandha tikkuntattja lid-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni. Jekk isir ċar li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti 8 sa 10, kif xieraq, mhumiex issodisfatti, l-impriża tiġi informata immedjatament li l-immunità minn multi m'hijiex disponibbli għal ksur tal-liġi ssuspettat.

13. Jekk l-immunità minn multi hija disponibbli għall-ksur tal-liġi issuspettat, l-impriża tista', biex tissodisfa l-kondizzjonijiet 8(a) u 8(b), kif xieraq:

- (a) tipprovdi immedjatament il-Kummissjoni bil-provi kollha li jirrelataw mal-ksur issuspettat li qegħdin għad-dispożizzjoni tagħha fiż-żmien tas-sottomissjoni; jew
- (b) tippreżenta inizzjalment dawn il-provi f'termini ipotetiċi, u f'dan il-każ l-impriża għandha tippreżenta lista deskrittiva tal-provi li tipproponi li tiżvela f'data miftehma wara. Din il-lista għandha tirrifletti b'mod akkurat in-natura u l-kontenut tal-provi, waqt li tissalvagwardja n-natura ipotetika ta' dan l-iżvelar. Kopji ta' dokumenti mnaddfin, li minnhom ġew imneħħija partijiet sensitivi, jistgħu jintużaw biex jillustraw in-natura u l-kontenut ta' dawn il-provi.

14. Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni ser jipprovdi konferma bil-miktub ta' l-applikazzjoni ta' l-impriża għall-immunità minn multi, li tikkonferma d-data meta l-impriża jew ressqet provi taħt 13(a) jew ippreżentat lill-Kummissjoni l-lista deskrittiva msemmija fi 13(b).

15. La darba l-Kummissjoni rċeviet il-provi mressqin mill-impriża taħt il-punt 13(a), u vverifikat li dawn jissodisfaw

il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti 8(a) jew 8(b), kif xieraq, hi tagħti lill-impriża immunità kondizzjonali minn multi bil-miktub.

16. Alternattivament, il-Kummissjoni ser tivverfika li n-natura u l-kontenut tal-provi deskritti fil-lista msemmija fil-punt 13(b) ser jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti 8(a) jew 8(b), kif xieraq, u tinforma lill-impriża b'dan. Wara l-iżvelar tal-provi mhux aktar tard mid-data miftehma u wara li vverifikat li dawn jikkorrispondu mad-deskrizzjoni magħmula fil-lista, il-Kummissjoni tagħti lill-impriża l-immunità kondizzjonali minn multi bil-miktub.

17. Impriża li tonqos milli tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti 8(a) jew 8(b), kif xieraq, tista' tirtira l-provi żvelati għall-għanijiet ta' l-applikazzjoni tagħha għall-immunità jew titlob lill-Kummissjoni biex tikkunsidra taħt is-Sezzjoni B ta' dan l-avviż. Dan ma jipprevenix lill-Kummissjoni milli tuża s-segħat normali ta' investigazzjoni tagħha biex tikseb l-informazzjoni.

18. Il-Kummissjoni mhix ser tikkunsidra applikazzjonijiet oħra għall-immunità minn multi qabel ma tkun ħadet pożizzjoni fuq applikazzjoni eżistenti fir-rigward ta' l-istess ksur tal-liġi issuspettat.

19. Jekk fl-aħħar tal-proċedura amministrattiva, l-impriża tkun issodisfat il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt 11, il-Kummissjoni tagħtiha immunità minn multi fid-deċizzjoni rilevanti.

#### B. TNAQQIS F'MULTA

20. Impriżi li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet taħt is-sezzjoni A hawn fuq jistgħu jkunu eliġibbli biex jibbenefikaw minn tnaqqis ta' kull multa li kieku kienet tkun imposta.

21. Biex tikkwalifika, impriża għandha tipprovdi l-Kummissjoni bi provi tal-ksur tal-liġi ssuspettat li jirrapreżentaw valur miżjud b'rispett għall-evidenza li diġa' tinstab fil-pussess tal-Kummissjoni u għanda twaqqaf l-involviment tagħha fil-ksur tal-liġi ssuspettat mhux aktar tard miż-żmien li fih tressaq il-provi.

22. Il-kunċett ta' "valur miżjud" jirreferi għall-punt sa fejn il-provi pprovduti jinforzaw, bin-natura tagħhom u/jew bil-livell ta' dettal, l-abilità tal-Kummissjoni li tipprova l-fatti msemmija. F'din l-istima, il-Kummissjoni ġeneralment tikkunsidra l-provi bil-miktub li joriġinaw mill-perjodu ta' żmien li miegħu jirrelataw il-fatti biex ikollhom valur ikbar mill-provi stabbiliti wara. Bl-istess mod, provi li huma direttament rilevanti għall-fatti msemmija ġeneralment jiġu kkunsidrati li għandhom valur akbar minn dawk b'rilevanza indiretta biss.

23. Il-Kummissjoni ser tiddetermina f'kull deċiżjoni finali adotta fl-aħħar tal-proċedura amministrattiva:

(a) jekk il-provi pprovduti minn impriża rrapreżentaw valur miżjud sinifikattiv b'rispett għall-provi fil-pussess tal-Kummissjoni fl-istess żmien.

(b) il-livell ta' tnaqqis li l-impriża tibbenefika minnu, b'mod relattiv għall-multa li kieku kienet tiġi imposta, kif ġej. Għal:

— l-ewwel impriża li tissodisfa l-punt 21: tnaqqis ta 30-50 %,

— it-tieni impriża li tissodisfa il-punt 21: tnaqqis ta' 20-30 %,

— impriżi oħra li jissodisfaw il-punt 21: tnaqqis sa 20 %.

Biex jiġi ddeterminat il-livell ta' tnaqqis f'kull waħda minn dawn il-faxex, il-Kummissjoni ser tieħu kont taż-żmien li fih ġew mressqin il-provi li jissodisfaw il-punt

21 u l-punt sa fejn jirrapreżentaw valur miżjud. Tista' wkoll tieħu kont tal-miżura u tal-kontinwità ta' kull kooperazzjoni ipprovduta mill-impriża wara d-data tas-sottomissjoni tagħha.

Barra dan, jekk impriża tipprovdi provi rrelati ma' fatti li qabel ma kienux magħrufa lill-Kummissjoni li għandhom rilevanza diretta fuq il-gravità u t-tul tal-kartell issuspettat, il-Kummissjoni mhijiex ser tieħu kont ta' dawn l-elementi meta tordna li tiġi imposta multa fuq l-impriża li tipprovdi dawn il-provi.

#### PROĊEDURA

24. Impriża li tixtieq tibbenefika minn tnaqqis f'multa għandha tipprovdi l-Kummissjoni bi provi tal-kartell imsemmi.

25. L-impriża għandha tirċievi rikonoxximent ta' l-irċevuta mid-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni li tirreġistra d-data meta l-provi rilevanti ġew imressqa. Il-Kummissjoni mhux ser tikkunsidra sottomissjonijiet ta' provi mingħand applikant għat-tnaqqis ta' multa qabel ma tkun ħadet pożizzjoni fuq kull applikazzjoni eżistenti għal immunità minn multi fir-rigward ta' l-istess ksur tal-liġi issuspettat.

26. Jekk il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni preliminara li l-provi mressqin mill-impriża jikkostitwixxu valur miżjud fis-sens tal-punt 22, għandha tinforma lill-impriża bil-miktub, mhux aktar tard mid-data li fiha ġiet notifikata dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet, ta' l-intenzjoni tagħha li tapplika tnaqqis f'multa ġewwa faxxa speċifika kif previst fil-punt 23(b).

27. Il-Kummissjoni ser tevalwa l-pożizzjoni finali ta' kull impriża li applikat għat-tnaqqis f'multa fl-aħħar tal-proċedura amministrattiva f'kull deċiżjoni adottata.

#### KONSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

28. Mill-14 ta' Frar 2002, dan l-avviż għandu jibdel l-avviż ta' l-1996 fil-każijiet kollha fejn l-ebda impriża ma kkontattjat lill-Kummissjoni biex tibbenefika mit-trattament favorevoli stabbilit f'dak l-avviż. Il-Kummissjoni ser teżamina jekk huwiex neċessarju li dan l-avviż jiġi mmodifikat la darba takkwista biżżejjed esperjenza biex tapplikah.

29. Il-Kummissjoni hija konxja li dan l-avviż ser joħloq stennija leġittima li fuqha dawn l-impriżi jistgħu jiddependu meta jiżvelaw l-eżistenza ta' kartell lill-Kummissjoni.

30. Jekk ma tiġix sodisfatta l-anqas waħda mill-kondizzjonijiet stabbiliti fis-sezzjonijiet A jew B, skond il-każ, fl-ebda stadju tal-proċedura amministrattiva, dan jista' jirriżulta fit-telf ta' kull trattament favorevoli stabbilit fihom.

31. Skond il-prattika tal-Kommissjoni, il-fatt li impriża kkooperat mal-Kummissjoni matul il-proċedura amministrattiva tagħha ser jiġi ndikat f'kull deċiżjoni, biex tiġi spjegata r-raġuni għall-immunità jew tnaqqis tal-multa. Il-fatt li jingħataw immunità jew tnaqqis fir-rigward ta' multi ma jstax jipproteġi lil impriża mill-konsegwenzi tal-liġi ċivili għall-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur ta' l-Artikolu 81 KE.

32. Il-Kummissjoni tikkunsidra li normalment, żvelar, f'kull ħin, ta' dokumenti rċevuti fil-kuntest ta' dan l-avviż jippreġudikaw il-protezzjoni ta' l-iskop ta' ispezzjonijiet u investigazzjonijiet fis-sens ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

33. Kull dikjarazzjoni miktuba magħmula rigward il-Kummissjoni fir-rigward ta' dan l-avviż, jiffirma parti mill-fajl tal-Kummissjoni. Ma tistax tkun żvelata jew użata għall-ebda skop ieħor ħlief l-infurzar ta' l-Artikolu 81 KE.